Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,849, 6 ta' Diċembru, 2005
Taqsima A

MALTA

ATT Nru. XVII ta' l-2005

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar ir-Rifuġjati, Kap. 420.

ACT No. XVII of 2005

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Refugees Act, Cap. 420.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GEORGE HYZLER
Aġent President

6 ta' Diċembru, 2005

ATT Nru. XVII ta' l-2005

ATT biex jemenda l-Att dwar ir-Rifuġjati, Kap. 420.

IL-PRESIDENT, bil-parir u kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorita' ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2005 li jemenda l-Att dwar ir-Rifuġjati, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar ir-Rifuġjati, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' l-istess Att.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-paragrafu (j) tat-tifsira "applikazzjoni manifestament infondata", għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:-

"(k) li tkun sostanzjalment l-istess bħal waħda diġà ppreżentata mill-applikant jew minn applikant ieħor u li kienet, wara li tkun ġiet eżaminata, rifjutata minn Kummissarju;";

(b) minnufih wara t-tifsira "applikazzjoni manifestament infondata", għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:-

" "il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati, mwaqqaf bl-artikolu 5 ta' dan l-Att;";

(ċ) minflok it-tifsira "il-Kummissarju" għandu jidħol dan li ġej:

" "il-Kummissarju" tfisser kull persuna maħtura Kummissarju għar-Rifuġjati skond l-artikolu 4 ta' dan l-Att u tinkludi, skond il-limitu u l-awtorità mogħtija, lil kull persuna oħra temporanjament awtorizzata f'dik il-kapaċità mill-Ministru;"; u

(d) minnufih wara t-tifsira "rifuġjat", għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:-

" "is-Segretarju" tfisser is-Segretarju mal-Kummissarji maħtur taħt l-artikolu 4(4) ta' dan l-Att;".

Emenda tat-Titolu I fit-Taqsima II ta' l-Att prinċipali.

3. Fit-Titolu I tat-Taqsima II ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "Il-Kummissarju għar-Rifuġjati" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Kummissarji għar-Rifuġjati".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

4. L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Għandu jkun hemm għadd ta' persuni li jkunu magħrufin bħala Kummissarji għar-Rifuġjati li wieħed minnhom jista' jiġi indikat mill-Prim Ministru bħala Kummissarju għar-Rifuġjati Anzjan.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "Il-Kummissarju jinħatar" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Kummissarji għar-Rifuġjati jinħatru"; u

(ċ) minflok is-subartikolu (4) tiegħu, għandhom jidħlu dawn is-subartikoli li ġejjin:

"(4) Għandu jkun hemm Segretarju mal-Kummissarji li jkun persuna li tiġi hekk maħtura mill-Prim Ministru jew uffiċjal pubbliku nominat mill-Prim Ministru biex jaqdi l-funzjonijiet ta' Segretarju.

(5) Il-Kummissjoni għandu wkoll ikollha kull persunal ieħor skond ma l-Prim Ministru jista' jqis li jkun meħtieġ u li huwa jaħtar jew jinnomina kif hawn qabel imsemmi.

(6) L-applikazzjonijiet jiġu assenjati mis-Segretarju lill-Kummissarji b'sistema ta' rotazzjoni jew fuq id-direzzjoni tal-Kummissarju għar-Rifuġjati Anzjan kif jista' jidhirlu xieraq f'każijiet partikolari, jew skond ma' jiġi ordnat taħt dan l-Att, hekk li kull Kummissarju jkollu, dwar każ assenjat lilu, il-poteri kollha mogħtijin b'dan l-Att lil Kummissarju għar -Rifuġjati.".

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

5. Fis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "u għandu jirrikmanda" għandhom jidħlu l-kliem "u preliminarjament jiddeċiedi b'deċiżjoni motivata jekk l-applikazzjoni hijiex manifestament infondata. Jekk il-Kummissarju ma jiddikjarax l-applikazzjoni manifestament infondata għandu jgħaddi biex jirrikmanda.".

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

6. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "u li tirċievi servizz u kura medika statali." għandhom jidħlu l-kliem,

"u li tirċievi servizz u kura medika statali:

Kap. 319.

Iżda, salvi d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, meta l-Kummissarju għar-Rifuġjati jiddikjara fid-deċiżjoni tiegħu li applikazzjoni tkun manifestament infondata, l-applikant jista' jitneħħa minnufih minn Malta minkejja kull appell taħt l-artikolu 7 ta' dan l-Att:

Iżda wkoll meta l-Bord jiddeċiedi favur l-applikant u l-applikant ikun sadattant tneħħa minn Malta, id-dikjarazzjoni tal-Ministru taħt l-artikolu 7(10) ta' dan l-Att għandha ssemmi wkoll li l-persuna li tkun ġiet hekk imneħħija jkollha jedd li terġa' lura lejn Malta mingħajr ma tkun teħtieġ ebda visa.".

Żjieda ta' artikolu 19A ġdid ma' l-Att prinċipali.

7. Minnufih wara l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu 19A ġdid li ġej:-

"Regolamenti li jistabbilixxu servizz ta' detenzjoni.

19A. Il-Ministru jista' wkoll jagħmel regolamenti biex jistabbilixxi korp magħqud jew mhux magħqud li jkun responsabbli biex iżomm f'detenzjoni lil dawk il-persuni li jistgħu jinżammu f'detenzjoni taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew taħt regolamenti magħmulin taħtu u mingħajr

preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, dawk ir-regolamenti jistgħu jkunu jipprovdu dwar kull ħaġa li tkun tirrigwarda l-funzjonijiet, finanzjament, persunal, organizzazzjoni u amministrazzjoni ta' korp bħal dak kif ukoll dwar kull ħaġa oħra li l-Ministru iqis li tkun meħtieġa jew spedjenti biex dak il-korp ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt ir-regolamenti u għal kull għan ieħor konsegwenzjali jew anċillari għal dak hawn qabel imsemmi.".

Emenda ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217.

8. L-Att dwar l-Immigrazzjoni għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-artikolu 15 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih wara s-subartikolu (2), għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(3) Fuq talba ta' l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni, it-trasportatur għandu ukoll ireġġa' lura, skond ma hemm speċifikat fis-subartikolu (2), lil xi ċittadin ta' pajjiż terz li jkollu passaġġ minn Malta jekk it-trasportatur li kien ser jieħdu fil-pajjiż lejn fejn ikun sejjer jirrofta milli jtellgħu abbord jew jekk l-awtoritajiet tal-pajjiż lejn fejn ikun sejjer ikunu irroftaw li jdaħħluh u jkunu bagħtuh lura Malta.

(4) Trasportatur li ma jkunx jista' jreġġa' lura persuna skond ma hemm stabbilit fis-subartikoli (2) u (3), għandu jsib il-mezz biex dik il-persuna tkun tista' tiġi minnufih trasportata lejn fejn tkun sejra għas-spejjeż tiegħu, jew, jekk it-trasport lejn fejn dik il-persuna tkun sejra ma jkunx jista' jsir minnufih, it-trasportatur għandu jassumi r-responsabbiltà għall-ispejjeż imġarrba matul iż-żmien li dik il-persuna toqgħod f'Malta u biex hija terġa' lura."; u

(ii) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (5) u f'dak is-subartikolu, kif enumerat mill-ġdid, minnufih wara l-kliem "ħamest elef lira" għandhom jiżdiedu l-kliem "għal kull persuna li tinġarr"; u

(b) l-artikolu 25A tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih wara l-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) Il-Bord ikollu ġurisdizzjoni li jisma u jiddeċiedi appelli jew applikazzjonijiet bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu jew bis-saħħa ta' kull liġi oħra.";

(ii) fis-subartikolu (10) tiegħu, minflok il-kliem "ma jkun hemm ebda prospett raġonevoli li tkun ser isseħħ deportazzjoni fi żmien raġonevoli" għandhom jidħlu l-kliem:

"ma jkun hemm ebda prospett raġonevoli li tkun ser isseħħ deportazzjoni fi żmien raġonevoli:

Iżda meta persuna, li l-applikazzjoni tagħha għal ħarsien taħt l-Att dwar ir-Rifuġjati tkun ġiet rifjutata b'deċiżjoni finali, ma tikkoperax ma' l-Uffiċjal Prinipali dwar l-Immigrazzjoni dwar li tiġi rimpatrijata lejn il-pajjiż ta' l-oriġini tagħha, jew lejn xi pajjiż ieħor li jkun aċċetta li jirċievi lil dik il-persuna, il-Bord jista' jirrifjuta li jordna ir-rilaxx ta' dik il-persuna."; u

(iii) fis-subartikolu (12) tiegħu, minflok il-kliem "li jkun hemm prospett raġonevoli ta' deportazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "li jkun hemm prospett raġonevoli ta' deportazzjoni jew li dik il-persuna ma tkunx qed tikkopera ma' l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni dwar ir-rimpatriju tagħha lejn il-pajjiż ta' l-oriġini tagħha jew lejn xi pajjiż ieħor li jkun aċċetta li jirċievi lil dik il-persuna,".

9. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għall-applikazzjonijiet kollha pendenti quddiem il-Kummissarju għar-Rifuġjati jew li jiġu deċiżi mill-istess Kummissarju fid-data li jiġi fis-seħħ dan l-Att. Disposizzjoni transitorja.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 330 tat-28 ta' Novembru, 2005.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati